TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 07/06

* Il- laqgħa Nru 07/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar il-Ħamis 29 ta' Ottubru 2009 fis-5.45pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Dr. O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

*** Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

**** Qabel beda l-laqgħa s-Sindku skuża ruħu li kellu jipposponi l-laqgħa tat-28 ta' Ottubru għall-lum minħabba li kellu jattendi għall-ewwel laqgħa tal-AKL bħala l-President elett tar-Reġjun tax-Xlokk.

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 06/06 tat-30/09/09 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur għad ma komplix ix-xogħol ta' *major patching* ordnat minħabba li skont hu ma hawnx tarmak. Major patching

**2.2** Dwar Ġnien Joanne, is-Sindku qal li qed insibu wkoll terrapien u biċċiet tal-konkrit flimkien ma' boroż oħra ta' skart domestiku fil-*bins* li hemm fil-ġnien. Gnien Joanne

2.2.1 Kompla jgħid li wara r-rapport tagħna lill-Pulizija dwar tfigħ ta' laħam jinten, għad ma rċevejna l-ebda risposta.

**2.3** Dwar Ġnien Ovindoli, s-Sindku qal li għadna bil-problemi. Il-*perspex* tal-entratura ġie nkisser kollu filwaqt li l-funtana ġiet miżduda biex tfur. Kif kien fuq il-post informa lill-Pulizija, li ġew ħamsa, imma ż-żgħażagħ kienu diġa' telqu. Gnien Ovindoli

2.3.1 Qal ukoll li l-Pulizija bagħtu u kellmu liż-żgħażagħ li l-ismijiet tagħhom ġew provduti mill-Kunsill.

2.3.2 Sadanittant, kompla s-Sindku, dawn il-gruppi li jvarjaw minn 12-il sena u 18-il sena qed jiffrekwentaw Ġnien Kunsill Lokali 2000. Diġa' saru rapporti lill-Pulizija li ġew ikellmuhom.

**2.4** Is-Sindku qal li attenda għall-Konferenza tal-Kunsill tal-Ewropa fejn reġa' tkellem dwar il-problema tal-*plots* miftuħa. Plots miftuha

**2.5** Dwar it-tisbiħ ta' sqaqien is-Sindku qal li ċempilna, bgħatna *emails* u *faxes* lill-Asfaltar Ltd imma baqgħ u ma weġbux għall-proposti tal-Kunsill. Tiabih ta' sqaqien

2.5.1 Ġie deċiż li ninfurmawhom li ser inqabbdu lill-ħaddieħor b'ittra uffiċjali fuq proposta tas-Sur L. Bonavia.

**2.6** Is-Sindku qal li fuq talba tal-ADT, flimkien miegħu attenda s-Segretarju Eżekuttiv għal-laqgħa nhar il-Ġimgħa 16 t'Ottubru dwar it-tiswija tal-ħsara fi Triq Paola. Triq Paola

2.6.1 Ġie deċiż li x-xogħol jibda nhar it-Tnejn li għaddew imma sal-lum għad ma sar xejn wara li infurmajna lil kull min hu konċernat.

*(Is-Sur I. Dalli attenda għal-laqgħa fis-6.00pm).*

**2.7** Is-Sindku qal li l-korsijiet tal-ganutell u bizzilla issa bdew fiċ-Ċentru Komunitarju. — Korsijiet

**2.8** Mit-3 ħaddiema proposti mill-ETC biex jagħmlu xogħol fil-komunita' Tarxiniża, wieħed ippreżenta ċertifikat mediku li ma jistax jaħdem, ieħor ma ġiex u ieħor beda x-xogħol. Dwar dan kollu infurmajna lill-ETC. — Xogħol fil-komunita'

2.8.1 Is-Sindku qal li dan tal-aħħar qed inaddaf fil-ġonna, b'mod speċjali fi Ġnien Joanne. Xi ħadd daħħallu f'rasu li dan ix-xogħol suppost li qed jagħmlu kuntrattur. Is-Sindku ser jinvestiga dwar dan.

**2.9** Dwar l-inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf, is-Sindku qal li ingħatajna l-massimu ta' €1000 tal-fondi. — Premju Lokalitajiet Indaf

2.9.1 Kompla jgħid li skont l-AKL bħala Kunsill ta' 7 suppost li nieħdu €2000. Ser nindagaw dwar dan.

**2.10** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-*tender* għall-installazzjoni tal-panelli *Solar Photovoltaic System* ġiet ippubblikata u l-offerti ser jinfetħu nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru f'nofsinhar. — Tender

2.10.1 Il-kumitat *Ad Hoc* ser ikun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier L. Bonavia.

**2.11** Dwar id-diskrepanzi fil-kont ta' Ġnien Kunsill Lokali 2000 għad ma rċevejniex risposta mill-Perit. Ser nerġgħu nitolbuh. — Gnien K. Lokali 2000

**2.12** Dwar il-ftuħ ta' nhar ta' Sibt tal-Uffiċini tal-Kunsill, is-Sindku qal li irċevejna komunikazzjoni mid-Dipartiment Gvern Lokali li qed jitfgħu l-piż fuq is-Segretarju Eżekuttiv li qed jaġixxi skont id-deċiżjoni li ħa l-Kunsill. U dan skont id-dmirijiet tiegħu skont il-Liġi. — Ftuħ tal-Uffiċini s-Sibt

2.12.1 Kompla jgħid li hu fetaħ is-Sibt u qeda xi żewġ persuni li ġew. Qal ukoll li ilu żmien jaqdi l-pubbliku nhar ta' Sibt.

**2.13** Dwar il-librerija, s-Sindku qal li l-kotba għad ma ġewx ikklassifikati mill-Furjana. Dwar dan erġajna ktibna lill-Aġent Direttur u nfurmajniha li dawn il-kotba qed jiġu mċaħħda lill-pubbliku. Sadanittant għandna iżjed kotba biex jiġu klassifikati. — Librerija

2.13.1 Dwar il-mistoqsija tal-Viċi Sindku, is-Sindku inkarigah sabiex ikompli jimxi fuq id-deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill sabiex jagħmel użu mit-3 voluntiera li offrew li jgħinu fil-librerija.

**2.14** Dwar il-proposti ta' tismija mill-ġdid ta' trejqiet fi Pjazza Brittanika, is-Sindku qal li rċevejna risposta mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq li approvaw biss trejqa waħda f'isem it-Tabib Jimmy Farrugia. — Tismija ta' trejqiet

2.14.1 Kompla jgħid li, apparti li wieġbu fi żmien ġimgħa (għal Ġnien Ovindoli baqgħu ma wieġbux), aħna konna tlabna 3 toroq bħala pakkett wieħed. Għaż-żewġ toroq l-oħra, il-Kumitat ma jidhirlux li għaż-żewġ personaġġi (Tabib Karl Chircop u Dun Tumas Cirillu Formosa) għandha tissemma triq għalihom.

2.14.2 Qal ukoll li jidher li hemm xi raġuni ulterjuri għal dan.

2.14.3 Il-Kunsill qabel unanimament li għalissa ma jsir xejn u nibqgħu ninsistu li jsiru għall-fatt li jekk ma jinbidlux it-tlieta nibqgħu bl-istess problema.

**2.15** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti ta' Ġbir ta' Skart Imħallat kemm fil-Gazzetta tal-Gvern, il-Malta Indipendent u l-EU Journal. Id-data tal-għeluq hi l-14 ta' Diċembru f'nofsinhar. Ġbir ta' skart

Il-kuntratt għandu jibda fl-1 ta' Frar 2010.

2.15.1 Is-Sur L. Bonavia ma jaqbilx li ma jinġabarx l-iskart mill-postijiet kummerċjali u ndustrijali tar-raħal, għalkemm ġie nfurmat li din it-*tender* u s-servizz huma ferm differenti minn dak tal-preżent. Hu nsista li l-kumment tiegħu jiġi mniżżel fil-Minuti.

**2.16** Is-Sindku qal li ltaqa' ma' rappreżentant tal-GreenPak li qed joffru prodotti ta' kontenituri għall-ġbir ta' skart bħal *skips on wheels* u kontenituri għad-djar u l-uffiċini. Dawk kbar jitpoġġew fejn ikun identifikat mill-Kunsill (mingħajr ħlas) filwaqt li dawk żgħar iridu jinxtraw. GreenPak

2.16.1 Il-Kunsill qabel unanimament fil-prinċipju u ser jidentifika postijiet għal dan il-għan permezz tas-Sur I. Dalli. Ser inpoġġu wkoll sett fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

*(Is-Sur L. Bonavia irtira mil-laqgħa fis-6.55pm).*

**2.17** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-HSBC tawna donazzjoni ta' €100 għall-attivita' EPOKA. Epoka

**2.18** Il-laqgħa mal-Onor. Chris Said ġiet posposta għall-4 ta' Novembru fl-4.00pm fuq talba tal-Kunsill stess. Laqgħa mal-Onor. Chris Said

**2.19** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-iskema Aċċessibilta' Aħjar fil-Lokalitajiet ma ġietx ikkunsidrata eleġibbli għall-fondi mill-Bord ta' Evalwazzjoni. Din u oħrajn ser jiġu diskussi fil-laqgħa mal-Onor. Chris Said. Skema

**2.20** Dwar il-ħsara fl-appartament ta' fuq iċ-Ċentru Komunitarju li qed jikkawża inżul ta' ilma fiċ-Ċentru, is-Sindku qal li din il-ħsara qed tiġi msewwija minn l-inkwilin tal-post konċernat. Ċentru Komunitarju

**2.21** It-tilqim kontra l-influwenza ser isir nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa tal-ġimgħa d-dieħla bejn it-8.00am u nofsinhar. Tilqim

**2.22** Is-Sindku qal li għad ma rċevejniex risposta dwar l-iskema ta' fondi għall-Festival Internazzjonali tal-Folk Malta. Festival Internazzjonali

**2.23** Is-Sindku qal li ser jattendi għall-konferenza Lokalitajiet Sostenibbli tat-2 ta' Novembru fejn ser ikunu preżenti 90 Sindku Franċiż. Konferenza

**2.24** Saret l-applikazzjoni għall-Kunsilli Lokali Żgħażagħ. K L Żgħażagħ

**2.25** Intbagħtet l-ittra lill-Għaqda Poeti Maltin dwar organizzazzjoni ta' Ljieli ta' Poeżija fil-Lokal. Ljieli ta' Poeżija

**2.26** Għas-sejħa tal-kors għal Għaqdiet Volontarji dwar il-Liġi l-ġdida tal-volontarjat applikaw biex jattendu żewġ rappreżentanti mill-għaqda Madonna tad-Duttrina, tnejn mill-għaqda San Gabriel, tnejn mill-Club tal-Boċċi, tnejn mill-għaqda Armar tal-Festa M'Annunzjata, tnejn mill-għaqda Kulturali (J. Abela) u wieħed mill-Legion of Mary. Kors għall-għaqdiet

2.26.1 Il-kors diġa' beda u qed jgħallem is-Sur Joe Vella.

**2.27** Ser tinbeda l-promozzjoni għall-kors *Learn It* u l-kors *Learn Web* li ser jibdew fil-bidu ta' Jannar 2010. Il-Kunsill iħallas €1100 kif ukoll spejjeż tal-posta għall-*flyers*. TCTC

**2.28** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret PQ mill-Onor. Gino Cauchi dwar kemm ġew turisti f'Ħal Tarxien. Turisti f'Ħal Tarxien

2.28.1 Ir-risposta mill-Ministru Dolores Cristina hi li matul dawn l-aħħar 10 snin ġew iżjed minn 1.13 miljun turist.

2.28.2 Is-Sindku rrimarka li dan ifisser li madwar 9500 turist fix-xahar ġew Ħal Tarxien għalkemm dan ir-raħal mhux konsidrat bħala post turistiku. Dan ifisser ukoll li dan il-Kunsill qed ikollu jbati mill-iskart li jiġġeneraw dawn it-turisti mingħajr ma jieħu rikompens. Apparti l-problemi l-oħra kollha li għandna mar-residenti ta' l-akkwata tat-tempji dwar il-*coaches*.

2.28.3 Dwar dan, is-Sindku qal li ser niddiskutu mal-Onor. Chris Said fil-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa.

**2.29** Is-Sindku qal li skont ir-riforma il-Kumitati Konġunti tal-LES u tad-Dwal tat-Toroq ser ikunu taħt ir-responsabbilta' tar-Reġjuni. Għaldaqstant il-kuntratti tagħhom ser jiġu mġedda sakemm tidħol fis-seħħ din is-sistema. Kumitat Reġjonali

**2.30** Is-Sindku, filwaqt li rrefera għall-Memo 69/2009 dwar Uffiċini Reġjonali, qal li ġejna mitlubin nidentifikaw post bħala Uffiċini għar-Reġjun tax-Xlokk. Uffiċċju għar-Reġjun

2.30.1 Bħala President tal-Kumitat tar-Reġjun tax-Xlokk jixtieq li s-sede tal-Kumitat tkun f'Ħal Tarxien, bl-iskop li meta jkollna xi kuntatti ma' reġjuni barranin inkunu nistgħu nġibuhom f'Ħal Tarxien.

2.30.2 Hu qed jissuġġerixxi li temporanjament nużaw iċ-Ċentru Komunitarju bħala Uffiċċju. B'hekk nistgħu ukoll nġibu l-ispiża tal-kera tal-post.

2.30.3 Ser ninfurmaw b'dan lid-Dipartiment Gvern Lokali u lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill qabel nem. con.

*(Is-Sur F. Agius irtira mil-laqgħa fis-7.20pm).*

**2.31** Is-Sindku qal li *flyers* u l-*posters* għall-attivita' "*4 Walks*" ġew imqassma kemm lokalment u barra r-raħal fil-ħwienet, lukandi u postijiet turistiċi. Flyers u posters

**2.32** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-karru għall-magni tat-tiswija tat-toroq inxtara u qiegħed għand il-ħaddied biex jippreparah li jeħel wara l-van. Karru

**2.33** Is-Sindku qal li x-xogħol fil-latrina pubblika inbeda u x-xogħol ta' kostruzzjoni tlesta. Latrina Pubblika

2.33.1 Ser nixtru l-aċċessorji u jinbeda x-xogħol fuq l-elettriku, l-ilma u twaħħil tal-madum.

**2.34** Is-Sindku qara ittra mibgħuta mill-Għaqda Madonna tad-Duttrina dwar livelli tat-Triq Birbixkilla. Livelli ta' Triq Birbixkilla

2.34.1 Hu rrimarka li f'każ li ssir it-triq il-livelli jiġu ndikati mill-MEPA u għandha tingħata risposta f'dan is-sens.

**2.35** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien miegħu attenda s-Segretarju Eżekuttiv għal-laqgħa fil-MEUSAC dwar applikazzjoni għall-proġetti ta' tisbiħ u ameljorament ta' postijiet rurali. MEUSAC

2.35.1 Ġiet diskussa l-applikazzjoni tagħna (li ġiet rifjutata mill-Bord tal-Evalwazzjoni) għall-Fondi dwar Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali.

2.35.2 Ser isiru żewġ applikazzjonijiet għal dawn il-proġetti, waħda lill-ERDF u l-oħra għall-fondi rurali.

2.35.3 Rappreżentanti tal-MUESAC ser jiġu l-Kunsill nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru sabiex niddiskutu iżjed fid-dettal dawn il-proġetti.

## 3.0 Affarijiet Finanzjarji

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għall-servizzi u materjal li tammonta għall-€38,893.40 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. 'A').

**3.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tagħhom fuq xogħol tal-Kunsill lis-

| | |
|---|---|
| Sindku | € 84 |
| Segr. Eżek. | € 37.60 |

## 4.0 Attivitajiet għall-Milied

**4.1** Il-Kunsill approva nem. con. li l-Għaqda ta' l-Armar tal-Festi M'Annunzjata iżejjnu t-toroq għal żmien il-Milied skont il-ftehim li kien ġie iffirmat fi Frar 2008.

**4.2** L-attivitajiet għall-Milied ser isiru bħalma saru s-sena l-oħra, inkluż l-attivita' mtella' minn gruppi internazzjonali f'każ li tiġi approvata l-applikazzjoni tagħna.

## 5.0 Anzjan Tarxiniż

**5.1** Is-Sindku qal li bħas-snin l-imgħoddija ser isir il-Premju Anzjan Tarxiniż fit-22 ta' Diċembru fis-sala tal-Agostinjani waqt *party* għall-anzjani. Il-prezz tad-dħul ikun ta' €2 kull persuna.

**5.2** In-nominazzjonijiet għal dan il-Premju ser jintlaqgħu mid-9 ta' Novembru sal-4 ta' Diċembru ta' din is-sena.

## 6.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

**Rapport mill-Viċi Sindku F. Agius**

**6.1** Is-Sindku, f'isem il-Viċi Sindku, ressaq applikazzjoni ta' Veronica Barbara għas-Sotto Kumitat Wirt Storiku u Beni Kulturali.

Il-Kunsill approva nem. con.

**Rapport mill-Kunsillier Dr. O. Caruana**

**6.2** Dr. O. Caruana qal li kellu laqgħa tas-Sotto Kumitat fejn iddiskuta l-problemi minn żgħażagħ fi Ġnien Ovindoli u Ġnien Joanne. Hu qed jissuġġerixxi li jkun hemm il-preżenza tal-Gwardjani Lokali u Pulizija pajżana.

6.2.1 Hawn intervjena s-Sur I. Dalli u qal li Ġnien Joanne l-aħjar li jiddawwar b'fence.

6.2.1.1 Is-Sindku wieġeb li din hi spiża li l-Kunsill ma jistax jidħol għaliha. Is-Sur Dalli qal li ser jagħmel kuntatt mal-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u jara jistax isir dan minn dan il-Ministeru bħalma sar ta' San Ġiljan.

**6.3** Dr. O. Caruana qal ukoll li ltaqa' mal-Pulizija dwar il-problemi tat-traffiku fit-toroq.

**6.4** Kellu wkoll laqgħa mal-Ispettur Stephen Micallef dwar siti miftuħa u talba biex jikteb lill- Kummissarju.

6.4.1 Is-Sindku wieġeb li diġa' għamilna eżerċizzji li swilna l-flus u ppreżentajnih lill-MEPA li ma ħadet ebda azzjoni fuq is-sidien.

6.4.2 Qal ukoll li m'għandnix għalfejn niktbu lill-Pulizija.

**Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin**

**6.5** Is-Sur K. Darmanin ippreżenta r-regolamenti għall-Premju Żagħżugħ Tarxiniż, (App. 'B') filwaqt li rringrazzja lis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għall-għajnuna tagħhom.

**6.6** Qal li flimkien mas-Sindku attenda għall-Kunsill Lokali Żgħażagħ f'Dar il-Mediterran.

**6.7** Qal ukoll li bl-għajnuna tas-Sindku applika għall-fondi ta' Inizjattivi Sportivi.

**6.8** It-tournament tal-5-*aside* ser isir il-Ħadd 15 ta' Novembru li ġej.

**6.9** Applika sabiex ikun membru fil-Parlament taż-Żgħażagħ li ser isir f'Marzu 2010.

**Rapport mill-Kunsillier I. Dalli**

**6.10** Is-Sur I. Dalli qed jissuġġerixxi li, skont ir-risposti tar-residenti dwar is-sitwazzjoni tat-toroq, li *double yellow lines* fi Triq Santa Marija k/m Triq it-Tempji Neolitiċi jiżdiedu b'iżjed mill-5 metri eżistenti minħabba li l-karozzi ipparkjati qed jostakolaw il-vista ta' dawk li jkunu ħerġin minn Triq it-Tempji.

6.10.1 Is-Sindku wieġeb li ser jikkonsidra din il-proposta, filwaqt li qal li l-*parking* ma jistax isir fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

**6.11** Is-Sur I. Dalli qal li ser jara liema rotot jgħaddu minn Ħal Tarxien bir-riforma tat-trasport pubbliku minħabba it-tniġġiż tal-arja.

6.11.1 Is-Sindku talbu biex mar-rotot iġib il-ħinijiet biex inkunu nistgħu niddiskutuhom fil-Kunsill.

**6.12** Dwar it-*traffic calmer* fi Triq Sta Marija viċin tal-HSBC, is-Sindku qal li din diġa' ġiet mitluba.

**6.13** Dwar it-talba għal mera fis-*Service Road* ta' Triq San Anard, is-Sindku qal li skont il-kuntratt li għandhom ir-residenti, din it-triq hi privata. Qed jinqalgħu diversi problemi f'dan ir-rigward u fejn jaqblilhom ir-residenti jgħidu li din hi privata u fejn ikollhom xi problema jirreferuha għandna.

6.13.1 Is-Sindku issuġġerilu li jitkellem mar-residenta Lina Caruana li bdietha hi din il-kwistjoni.

**6.14** Talab biex Triq Dejma issir *one way*.

6.14.1 Is-Sindku wieġeb li din hi kwistjoni li ilha għaddejja għaliex din il-parti minn ħdejn il-Falcar sa ħdejn il-Mincott hi meqjusa bħala *Industrial Area* lanqas m'hemm bżonn li ssir *traffic calmer* għaliex it-traffiku hemm dejjem imwaħħal.

**6.15** Is-Sindku inkariga lis-Sur I. Dalli sabiex jidentifika żoni fejn għandhom jitpoġġew skips, kif ukoll xi skart jipproduċu postijiet kummerċjali.

**6.16** Is-Sindku fakkar lis-Sur I. Dalli li sal-lum għad ma ppreżentax il-Pjan ta' Ħidma kif kien mitlub li jagħmel.

**Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

**6.17** Is-Sinj. D. Vella qalet li għamlet l-ewwel laqgħa tas-Sotto Kumitat tagħha.

**6.18** Il-ħarġa li jmiss ser issir fil-5 ta' Novembru

**Rapport mis-Sindku P. Farrugia**

**6.19** Is-Sindku qed jipproponi lis-Sinj. Marygrace Degiorgio bħala membru fis-Sotto Kumitat Anzjani.

Il-Kunsill approva nem. con.

**6.20** Is-Sindku ta rendikont tal-ħarġa tal-anzjani.

## 7.0 Ħwejjeġ Oħra

**7.1** Is-Sindku talab biex il-materjal għall-fuljett għandu jasal għandu qabel il-15 ta' Novembru.

**7.2** Is-Sindku qal li din il-ġimgħa resident fi Triq Santa Marija faċċata tal-Każin tal-PN qabad u qala' t-tabella tal-*parking* tal-*coaches* u tefagħha quddiem il-*garage* tal-Kunsill. Dwar dan il-każ ktibna lill-Pulizija.

## 8.0 Għeluq tal-Laqgħa

**8.1** Il-laqgħa ntemmet fid-8.45pm.

**8.2** Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 25 ta' Novembru 2009 fil-5.30pm.

**M. L. Mallia**
**Seg. Eżek.**
25/11/09

**Kav. P. Farrugia**
**Sindku**